MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Numru. 687/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
FRANCESCO AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francesco Azzopardi, ta’ 76 sena, bin il-mejjet Mose’ u Bernarda nee’ Calleja, imwieled nhar it-2 ta’ Mejju 1926 gewwa l-Furjana, u residenti My Nest, Triq Elija Zammit, San Giljan, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 344826(M), u akkuzat talli bejn ix-xhur ta’ Gunju 2001 u Dicembru 2001, ikkommetta hsara volontarja fuq propjeta’ ghad-dannu ta’ Victor Deguara mill-Gharghur, u cioe’ fuq il-faccata tal-fond kummercjali bl-isem ta’ Highlander Pub & Restaurant, li jinsab gewwa Triq Elija Zammit, Paceville, San Giljan, ghad-dannu ta’ l-istess Victor Deguara, u dan ai termini tal-Artikolu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 47).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikolu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, u dan in vista tal-fatt illi l-imputat huwa 'a first offender'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------